**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta’ Novembru 2021**

Rikors Numru: 254/21 AL

A B C

vs

D B

(MR Number 199/1994)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Il-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' Marzu elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) gewwa ir-registru, il-Belt, Valletta, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A' u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

2. Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Peter Fleri-Soler fid-dsatax (19) t' April elf disa' mija

u hamsa u disghin (1995), kopja legali ta' liem tinsab hawn annessa u mmarkata Dok 'B'

3. Ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom ghal dawn l-ahhar sitta u ghoxrin (26) sena mifrudin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qieghed jigi osservat fl-intier tieghu.

5. L-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjomha ta' xebba, ossia 'C'

6. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn A B C u D B ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba,ossia 'C'.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 t'Ottubru 2021;

Semghet lill-intimat iwiegeb fuq domanda tal-qorti li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' April, 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba, ossia "C" u tordna lir-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-passi kollha meħtieġa f'dan ir-rigward. Il-Qorti tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.